# SAN LAWRENZ

ta'
Charles Bezzina




Snin ilu jien kont nitlaq
b’pass qajl lejn San Lawrenz,
nitgħaxxaq bil-kampanja,
bir-raba’ ta’ Gawdenz


Niftakar dan ix-xwejjaħ
fis-sħana u fil-bard
jistagħna w jaħdem hieni
biex jiġbor frott il-art


Niftakru jirgħa l-merħla
fi ħdura kullimkien.
Niftakru qisu kwadru,
pastur ġewwa l-ħolqien.

’Mma jum ix-xiħ ħalliena,
u l-wilġa saret flus,
inxtrat min-negozjanti,
mill-ħbieb, b’eluf ta’ flus.

U wara ġiet il-gaffa.
U wara ġie il-krejn.
U kollox tbiddel ħesrem
ġo medda ta’ xahrejn.



**Illum ir-raba' nbena b'appartament' għoljin, Flok merħla tirgħa f'ħemda joqogħdu l-barranin**





**U villa kbira arjuża**
**kif jitlob il-progress,**
**u djar moderni, strambi,**
**għal nies tal-interess**


Mur għidlu lix-xiħ bidwi
li l-merħla spiċċat miegħu!
Mur għidlu kif inqered
u safa r-raba' tiegħu

**Din il-poeżija titkellem fuq l-ambjent. X'taf tgħidli int fuq l-ambjent?**

**Veru li qed jiġri bħal dak li hemm fil-poeżija?**

**Għaliex taħseb li qed jiġri hekk?**

**Metrika:**

**Strofi: Kwartini**

**Versi : Settenarji ( ta’ seba’ sillabi)**

**Rima: a-b-ċ-b (rima mqabbża)**

## Alliterazzjoni:

**Ir-ripetizzjoni tal-istess ittra fl-istess vers. L-ittra tista' tkun konsonanti jew vokali.**

**Pereżempju:**

"Jistagħna w jaħdem hieni."

*(v.7)*

## Anafora:

**Meta kelma jew frażi tkun ripetura f'numru ta' versi wara xulxin.**

Pereżempju:

"U wara ġiet il-gaffa,
U wara ġie il-krejn. "

*(v.17 u 18)*

## Similitudni:

**Xebh bl-użu ta' *bħal*, *qisu*, *daqs jew donnu*.**

Pereżempju:

'Niftakru qisu kwadru' (v 11)

## Ewfemiżmu:

**Meta l-poeta juża ċertu kliem minflok ieħor biex inaqqas il-kruha ta' dak li jkun irid jgħid. Dan japplika l-aktar għall-mewt.**

Pereżempju:

"Mma jum ix-xiħ ħalliena' (v 13)

# Aferisi:

It-tneħħija ta' ittra/sillaba fil-bidu ta' kelma.

Pereżempju:

'Mma jum ix-xiħ ħalliena

(V 13)

## Apokope:

It-tneħħija ta' ittra/sillaba fit-tmiem ta' kelma.

Pereżempju:

b'appartament' għoljin

(v 32)

# San Lawrenz

Tmiem